**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 01/23**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tnejn, 16 ta' Jannar 2023 |
| **Ħin:** | 5:50pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |
| **Preżenti** | Maria Dolores Abela - Sindku<br>Joan Agius - Viċi-Sindku<br>Amanda Abela - Kunsilliera<br>Dorcas Camilleri - Kunsilliera (skużata)<br>Gesmond Baldacchino - Kunsillier<br>Raymond Caruana - Kunsillier (Mis-6:41pm)<br>Roderick Caruana - Kunsillier (Mis-6:25pm)<br>Sean Chircop - Kunsillier<br>Stephanie Fenech - Kunsilliera<br>Angelo Caruana - Assistent Prinċipali<br>Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **01.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **01.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **01.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **01.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **01.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;** |
| **01.06** | **Xiri ta' vetturi elettriċi - Fondi mill-LESA;** |
| **01.07** | **Xogħlijiet pendenti;** |
| **01.08** | ***Performance Bonus* tal-ħaddiema;** |
| **01.09** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **01.10** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **01.11** | **Mozzjonijiet; u** |
| **01.12** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**01. 1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-kunsill ittra ta' apoloġija minn Camilleri. | Segretarju Eżekuttiv |

**01. 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Baldacchino<br>Sekondant: Fenech | Il-Minuti 11/22 inqraw u ġew approvati nem.con. B'dawn il- korrezzjonijiet. | |
| 01. 2. 1 | 11.02.08 | Chircop | Għandha tiżdied li ltaqa' mal-perita minħabba r-restawr tal-kappella. | Chircop |
| 01. 2. 2 | 11.02.14 | Fenech | Tiżdied li l-proġett huwa t-Twinning mal-Kunsill ta' Avola | Fenech |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**01. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 2 5 | 09.08.01 | Viċi-Sindku: Kunċerti | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk għandniex kopja tal-innu li ndaqq għal ewwel darba. Chircop wieġeb li għandna u dan ġie mgħoddi lill-għaqdiet mużikali kollha sabiex jindaqq waqt l-attivitajiet tagħhom. | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 2 | 6 | 09.08.01 | Chircop: Kunċerti | Chircop qal li saru ż-żewġ kunċerti Fid-29 ta' Diċembru fil-preżenza tal-Onor. Ministru Owen Bonniċi, inħareġ il-ktejjeb Għanjiet tal-Milied li ntlaqa tajjeb ħafna. Fit-30 ta' Diċembru fejn attendew l-Eċċellenza President ta' Malta u s-Sinjura Vella kif ukoll il-Presiden tar-Reġjun u l-Onor Ministru Owen Bonniċi. Indaqq għal-ewwel darba l-innu taż-Żejtun li ġie regalat mill-Maestro Ray Sciberras u s-Sur Trevor Zahra bħala l-Inuu tal-Kunsill. Ingħata wkoll it-trofej Karlu Diacono. | Chircop |
| 01. | 2 | 7 | 09.08.02 | Chircop: *Magical Garden* | Chircop qal li din l-attivita' saret b'suċċess fit-23 ta' Diċembru fiż-żewġ ġonna fejn kien hemm attendenza tajba ħafna kif ukoll kienu preżenti l-Onor Ministru Owen Bonnici u s-Segretarju Parlamentari L-Onor Zerafa Civelli u l-Onor Ray Abela. | Chircop |
| 01. | 2 | 8 | 09.08.03 | Chircop: Kompetizzjonijiet tal-Milied | Chircop qal li fl-ewwel postijiet ġew:<br>1) Presepju Kbir - Jason Simpson<br>2) Presepju żgħir - Alexander Abela<br>3) Presepju Oriġinali - Andrew Spiteri<br>4) Tiżjin tat-tieqa - Richard Cutajar<br>5) Tiżjin tal-mejda - Bridget Azzopardi<br>6) Tiżjin ġenerali - Martin Bilocca<br>Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar l-ammont ta' rebħ sabiex darb'oħra ikun iktar spjegat kif ser jitqassmu l-premijiet. Chircop qal li spjegalhom dwar il-premijiet kif ser ikunu. Il-Viċi-Sindku staqsiet ukoll dwar il-ġurija u Chircop wieġeb li huma marru ħadu l-filmati u ritratti u dawn għaddew għand il-ġurija sabiex jiġu ġġudikati. Żied li l-artist għal dan ix-xahar huwa Kyle Galea. | Chircop |
| 01. | 2 | 9 | 11.02.04 | Viċi-Sindku: Triq Santa Monika | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar il-bankini u rampi nieqsa f'din it-triq meta ġew irranġati l-bankini. Is-Sindku wieġbet li ser inkunu qed niċċekjaw ma' IM. | Sindku |
| 01. | 2 | 10 | 11.02.04 | Sindku: Toroq | Is-Sindku qalet li fi Triq Santa Fawstina u Triq Santa Monika sar ix-xogħol ta' tqaxxir u ingħata t-tarmak biex b'hekk il-proġett kollu issa magħluq. | Sindku |
| 01. | 2 | 11 | 11.02.05 | Fenech: *Feeders* tal-ħamiem | Fenech qalet li l-*feeders* tal-ħamiem reġgħu intlew. | Fenech |
| 01. | 2 | 12 | 11.02.06 | Sindku: Triq San Franġisk | Is-Sindku qalet li x-xogħol f'din it-triq issa huwa lest u kuntenti ħafna bix-xogħol li sar. Qalet li staqsejna r-residenti dwar jekk jaqblux li din issir pedonali. Il-maġġoranza assoluta irrispondiet fil-posittiv. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 2 | 13 | 11.02.07 | Sindku: Latrina | Is-Sindku qalet li l-PA damet sabiex ħarġet il-permessi. Qalet li t-Tnejn ser ikollha laqgħa mal-perit tax-xogħlijiet pubbliċi biex jiddiskutu meta ser jibda x-xogħol tal-bini mill-ġdid tal-latrina. | Sindku |
| 01. | 2 | 14 | 11.02.10 | Sindku: Zebra crossing fi Triq Alfred Cachia Zammit | Kien hemm diskussjoni dwar traffic management f'din iż-żona. Is-Sindku qalet li għandna nressqu t-talba lil TM sabiex isiru *traffic calming measures.* Kien hemm qbil dwar dan. | Sindku / Segreatarju Eżekuttiv |
| 01. | 2 | 15 | 11.02.13 | Viċi-Sindku: Triq Anġlu Grima | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk kellniex l-approvazzjoni sabiex jitwaħħlu t-tabelli. | |
| 01. | 2 | 16 | 11.02.14 | Fenech: Proġett CulturALLA | Fenech qalet li bejn is-27 u l-31 ta' Marzu ser tkun qed titla r-Rumanija sabiex jitkompla l-proġett. L-arranġament ma' Avola lest u ser ikunu qed jitħabbru l-ġranet sabiex 25 persuna titla għal dan il-proġett b'parti minnu jkun issusidjat mill-fondi li ser nieħdu. | Fenech |
| 01. | 2 | 17 | 11.02.17 | Sindku: Bollard fi Triq Santu Rokku | Chircop staqsa jekk kellniex żvilupp. Is-Segretarju ser ikun qed jitkellem ma' TM. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01. | 2 | 18 | 11.03.14 | Viċi-Sindku: Ħaddiema tal-Kunsill | Il-Viċi-Sindku talbet kjarifika. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-ġardinara l-ġodda ser jiġu assenjati wieħed fil-ġonna ma' Frans u l-ieħor fis-soft areas ma' Joseph. Dwar il-ħinijiet qal li dawn inbiddlu sabiex nakkomodaw il-ħin li fih ikunu hawn is-Sindku u kunsilliera. | Segretarju Eżekuttiv |

**01 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML01/23. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 3 | 1 | | Sindku: Ġbir tal-iskart | Is-Sindku qalet li minn Jannar bdejna bl-iskeda l-ġdida tal-ġbir tal-iskart. Il-kuntrattur Adrian Vella huwa effiċjenti u kull problema li kellna s'issa ġiet riżolta malajr kemm jista' jkun. L-iskart kummerċjali hemm indikazzjonijiet li s'issa l-kuntrattur miexi tajjeb u mhux qed ikun ikollna problemi kbar. Ser jerġa jibda jinġabar imma għad m'hemm xejn konfermat dwar dan. | Sindku |
| 01 | 3 | 2 | | Sindku: Reġjun Kulturali | Is-Sindku qalet li ġiet imnehdija s-sena kulturali tar-reġjun fil-kappella ta' Bir Miftuħ. | Sindku |
| 01 | 3 | 3 | | Sindku: Boroż bojod | Is-Sindku qalet li l-boroż bojod ġew u ser ikunu qed jitqassmu lir-residenti. Żiedet li kellna ħafna tgergir dwar il-kaxxi tal-BCRS u l-kuntrattur qed inaddaf madwar il-magna. | Sindku |
| 01 | 3 | 4 | | Sindku: Problema mal-Enemalta | Is-Sindku qalet li ser ikollna laqgħa mal-Enemalta dwar il-problemi li qed ikollna speċjalment fuq l-STLs. | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 01 3 5 | | Sindku: Laqgħa ma' IM | Is-Sindku qalet li kellna laqgħa ma' IM dwar il-lista ta' toroq li diġa kienu konfermati u ser jibdew minn Misraħ Mons. Cachia Abela u li l-prijoritajiet huma Triq id-Daħla ta' San Tumas, Triq il-Qadi u Triq Mikiel Anton Vassalli. Għidnilhom ukoll li Triq Sant' Anġlu kien hemm qbil li ssir bil-*printed concrete.* Ser nippruvaw li din issir bil-kuntrattur tagħna jekk ituna l-approvazzjoni. Issuġerejna wkoll Misraħ Santa Marija bil-*printed concrete* u aħna rridu nippreżentaw id-disinn. Hemm ukoll Triq San Alfons u Triq Dun Mikiel Cassar. | Sindku |
| 01 3 6 | | Sindku: Toqob għall-arbli | Is-Sindku qalet li kellna talba sabiex jitħaffru t-toqob fejn il-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena. Kien hemm qbil dwar dan u għandu jsir l-permess tal-RWP1. | Sindku |

**01. 4.** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 4 1 | | | Ma kinx hemm iktar x'jiġi diskuss. | |

**01. 5.** **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 5 1 | | Viċi-Sindku | Il-Viċi-Sindku qalet li hemm bżonn isir xogħol il-Manuċċa Child Day Centre. Dan ser isir mill-ħaddiema tal-Kunsill. | |
| 01. 5 2 | | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Chircop issuġerixxa li dan jibqa' jsir f'Lulju. Kien hemm qbil dwar dan. | Chircop |
| 01. 5 3 | | Chircop: Ismijiet ta' toroq | Chircop qal li l-Kumitat għal-Ismijiet tat-toroq talab li dawn it-toroq żgħar fi Triq l-Isqof Emmanuel Galea jingħataw isem sabiex ikunu jistgħu jatu n-numri tal-bibien. Ser nissuġerixxu Triq id-19 ta' Marzu 1994, Triq is-6 ta' Lulju 1614 u Triq it-30 ta' Diċembru 1797 kollha dati relatati maż-Żejtun u l-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. | Chircop |

**01. 6.** **Xiri ta' vetturi elettriċi - Fondi mill-LESA;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 6. 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li kellna korrispondenza mal-LESA fejn dawn approvaw li nixtru l-vettura b'*direct order* mingħand Michael Attard Ltd bl-istess speċifikazzjonijiet li kellna fit-tender. | |

**01. 7.** **Xogħlijiet pendenti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01 7 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li bħalissa għanda l-applikazzjonijiet pendenti mal-Awtorita' tal-Ippjanar tal-proġetti tal-Bellus, ta' Ħal Tmin, l-pavimentar ta' Ġnien l-Għannejja Żwieten, r-restawr tas-salib tal-pjazza, r-restawr tal-Knisja ta' San Klement u l-faċċata ta' Ġnien il-Kmandant. | Sindku |

**01. 8.** **Performance Bonus tal-ħaddiema;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 8. 1 | | | Wara diskussjoni bejn is-Sindku u l-kunsilliera kien hemm qbil li l-ħaddiema kollha jingħataw il-massimu tal-*performance bonus.* | |

**01. 9.** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 9. 1 | | Viċi-Sindku: Vjola | Il-Viċi-Sindku qalet li din ġiet imtella' u kienet suċċess kbir. | Viċi-Sindku |
| 01. 9. 2 | | Viċi-Sindku: Party għat-tfal | Il-Viċi-Sindku qalet li l-party tal-Milied sar u kien suċċess. | Viċi-Sindku |
| 01. 9. 3 | | Viċi-Sindku: Party tal-Karnival | Il-Viċi-Sindku qalet li dan ser isir fit-18 ta' Frar. | Viċi-Sindku |
| 01. 9. 4 | | Viċi-Sindku: *Weekend Break* | Il-Viċi-Sindku qalet li ser isir Weekend Break bejn l-24 u s-26 ta' Frar fir-Labranda Riviera Hotel. | Viċi-Sindku |

**#### 10.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| #### 10. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 01/23 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| #### 10. 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 01/23 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| #### 10. 3 | | *Petty Cash* - Diċembru 2022 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Mejju hekk kif preżentat. Dan kienu jammontaw għal €118.62 | Segretarju Eżekuttiv |

**01 11** **Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| #### 11 1 | | | Ma kinx hemm imressqa | |

**01 12** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fl-9:41pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 20 ta' Frar 2023 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Maria Dolores Abela | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |